MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 10/2009/1

**Il-Pulizija (Suprintendent Sharon Tanti)**

**v.**

**Frank Cachia, Michael Ciappara, Mario Ciappara u Anthony Azzopardi**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta’ Frar 2011 wara r-Referenza li saret lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta’ Jannar 2009 li permezz taghha u

fuq talba maghmula mill-avukati difensuri tal-imputati appellati staqsiet jekk:
"Safejn huma (l-imputati) kienu gew mixlija b'offizi li jitkellmu dwar "skopijiet ohra immorali", hemm nuqqas ta' certezza tal-ligi li taghmilha impossibbli li gudikant jiddeciedi jekk kemm-il darba l-ghemejjel li huma kienu mixlijin bihom kinux tassew immorali jew le ghall-finijiet tal-ligi.

"Fil-hsieb tal-appellati dan kien jikkostitwixxi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali"[1].

**2.** L-ewwel Qorti permezz tas-sentenza surreferita ddecidiet il-kawza bil-mod segwenti:

"Jirrizulta li dak in-nuqqas jikser jew jista' jikser il-jedd fundamentali tal-appellati kif imhares bl-imsemmi artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Ifisser li safejn il-procediment li qieghed jinstema' mill-Qorti tal-Appell Kriminali ser ikun jehtieg stharrig ta' imputazzjoni fil-konfront tal-appellati dwar ghamil "ghal skopijiet ohra immorali", dak l-istharrig sejjer ikun jiddependi kwazi ghal kollox fuq l-arbitriju suggettiv tal-gudikant li jippresiedi dik il-Qorti, ladarba l-ligi tonqos li tfisser b'mod car x'inhuma l-elementi ta' reat b'imputazzjoni bhal dik. Ifisser ukoll li din l-incertezza tista' titnehha biss u b'mod lecitu bl-intervent xieraq tal-legislatur;

"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi:

**"Twiegeb ghall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali** bid-degriet taghha tad-15 ta' Jannar,2009, billi ssib li fejn, fost l-imputazzjonjiet fil-konfront tal-appellati, sejrin jitqiesu "skopijiet ohra immorali", tirrizulta incertezza tal-ligi ghall-finijiet u bi ksur tal-artikolu sebgha (7) tal-Konvenzjoni, b'mod li tqieghed lill-gudikant f'sitwazzjoni impossibbli biex jiddeciedi jekk l-

[1] Pag.4-11 App.Krim. 237/08

atti inkriminanti humiex atti immorali jew le ghall-finijiet tal-ligi; u

“Ghalhekk **tordna** lir-Registratur sabiex ighaddi lura l-atti tal-akkuza lill-Qorti Riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista’ tiddisponi mill-kaz skont din is-sentenza”.

**3.** Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghdha tannetti kopja tas-sentenza tal-ewwel Qorti bhala Appendici A.

**Rikors tal-Appell tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija**

**4.** L-appellanti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u interponew appell minnha quddiem din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fit-totalita` taghha; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**5.** L-aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li s-sentenza appellata ma tirrifflettix is-sitwazzjoni legali dwar l-interpretazzjoni tal-provvedimenti tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni fil-Kap. 63 tal-Ligijiet ta’ Malta. Huma ma jaqblux mal-ewwel Qorti meta pprovdiet li:

“(i) Jirrizulta li n-nuqqas ta’ definizzjoni preciza ta’ x’jikkostiwixxi ‘skopijiet ohra immorali’ ghall-fini tal-Kap 63 jikser jew jista’ jikser il-jedd fundamentali tal-appellati kif imhares bl-imsemmi artikolu 7 tal-Konvenzjoni kif ukoll

“(ii) meta kkonkludiet li l-istharrig ta’ l-imputazzjoni ta’ l-appellati dwar l-uzu ta’ fond ghal ‘skopijiet ohra immorali‘ se jkun jiddependi kwazi ghal kollox fuq l-arbitriju suggettiv tal-gudikant li jippresiedi dik il-Qorti, ladarba l-ligi tonqos li tfisser b’mod car x’inhuma l-elementi ta’ reat.”

**Risposta tal-appellati**

**6.** L-appellati pprezentaw ir-risposti taghhom u wiegbu ghar-rikors tal-appell billi sostnew li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma u li l-appell interpost ghandu jigi respint u michud bl-ispejjez kontra l-appellat filwaqt li jirribadixxu r-ragunament tal-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

**Fatti mertu tal-kawza**

**7.** Ghal dak li huwa sfond tal-fatti in kawza, din il-Qorti taghmel riferenza ghar-rassenja tal-fatti maghmula tajjeb mill-Qorti tal-ewwel grad fis-sentenza taghha[2], u dan a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, liema sentenza hija annessa ma' din is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**8.** Illi din ir-Referenza Kostituzzjonali ntalbet abbazi ta' allegazzjoni li meta l-ligi tipprojbixxi li *"kull min izomm jew jezercita jew ikollu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni* ***jew ghal skopijiet ohra immorali***[3]***,"*** din m'hijiex cara bizzejjed b'mod li jista' jkun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni stante l-incertezza tal-ligi penali inkwistjoni.

**9.** L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija wiegbu ghar-referenza li l-atti *de quo* jistghu ragjonevolment jitqiesu bhala atti ta' prostituzzjoni jew bhala atti immorali u ghalhekk ma hemm ebda incertezza tad-dritt vjolattiv tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni kif allegat.

**10.** L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jipprovdi li: "(1) **Hadd m'ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar.** Lanqas m'ghandha

[2] Ara l-parti tas-sentenza fejn tittratta dwar " Fatti li johorgu mill-atti tar-Riferenza".
[3] Art. 8(1) Kap. 63.

tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar”.

**11.** Jigi rilevat mill-bidunett li f’dan il-kaz il-funzjoni ta’ din il-Qorti (u tal-ewwel Qorti f’gurisdizzjoni kostituzzjonali) m’hijiex li tiddeciedi jekk l-atti li qed jigu akkuzati bihom l-appellati humiex immorali jew le, imma li tiddetermina jekk il-provvediment *de quo* tal-Kap. 63 jissodisfax ir-rekwiziti tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

**12.** L-iskop tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni huwa li *“to ensure that noone should be subjected to arbitrary prosecution, conviction or punishment”*[4].

**13.** L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni gie interpretat diversi drabi mill-Qorti ta’ Strasbourg u gew senjalati diversi principji li l-awtrici Karen Reid tigbor f’din is-silta tal-ktieb taghha[5]. Hi tikteb hekk:

*“Article 7 embodies the general principle that offences must be based in law, and that an individual should be able to know from the wording of the relevant provisions, and if need be, with the assistance of the courts’ interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable.*[6] *That generally entails that the law must be adequately accessible – an individual must have an indication of the legal rules applicable in a given case – and he must be able to foresee the consequences of his actions, in particular, to be able to avoid incurring the sanction of the criminal law.*[7]

*“In terms of the standard of legal certainty or foreseeability, absolute certainty cannot be required, and indeed may be undesirable, entailing the risk of excessive rigidity, since the law has to be able to keep pace with*

[4] **S.W.v. U.K.** 22/11/1995.
[5] A Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights 3rd Edition f’pagna 192.
[6] Kokkinakis , para 52; Baskaya and Okcuoglu, para 36-39.
[7] **G v. France** , para 25.

*changing circumstances.*[8] *A standard of "reasonable foreseeability" is sufficient.*[9]

*"The Court in CR and SW v UK noted that judicial interpretation of criminal law was a widespread and even necessary feature. Art. 7 could not be read as prohibiting the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, but the resultant development must be within the bounds of reasonable foreseeability and not alter the "essence" of the offence.*[10] *Nor should the criminal law be extensively construed to an applicant's detriment, for example, by analogy".*[11]

**14.** L-ewwel Qorti ippuntwalizzat li f'dan il-kaz minkejja li meta tressqu l-imputati, fl-akkuzi ssemmiet il-prostituzzjoni, il-qofol tal-akkuzi kienu jirrigwardaw aktar il-kwistjoni dwar mgiba meqjusa bhala wahda immorali u f'dan ir-rigward ir-referenza kienet ghal *lap dancing* u l-*istrip tease.*

**15.** Il-kwistjoni kollha ghalhekk hija jekk fejn, fost l-imputazzjonjiet fil-konfront tal-appellati, jissemmew "skopijiet ohra immorali", tirrizultax certezza tal-ligi ghall-finijiet tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jew invece l-kliem "skopijiet immorali" humiex tant wiesgha li jiksru l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

**16.** L-ewwel Qorti ddecidiet li l-Kap. 63 ma fih ebda disposizzjoni li taghti tifsira ghall-kliem jew frazijiet li jinsabu fih, u x'inhu l-kuncett ta' 'moralita`' u 'immoralita`' ma jinsab definit fl-ebda ligi ohra. Il-Qorti ghalhekk ikkonkludiet li f'dak il-kaz ma jidhirx li l-ligi partikolari taghti indikazzjoni cara fejn jidhol il-kuncett ta' 'skopjiet ohra immorali' u konsegwentement hemm lacuna legali li tohloq incertezza ta' dritt. Ikkonkludiet ukoll li l-istharrig li ser isir fil-procedimenti li qed jinstemghu mill-Qorti tal-Appell Kriminali ser ikunu jiddependu kwazi ghal kollox fuq l-arbitriju suggettiv tal-gudikant li jippresiedi dik il-Qorti.

---

[8] Streletz, Kessler and Krenz.
[9] Sunday Times, para 49.
[10] Para 36. u **Delbos v. France** 16/92004
[11] Baskaya and Okcuoglu u Dragotoniu and Militaru –**Pidhorni v. Rumania** 24/5/2007.

**17.** L-appellanti ma qablux ma' dawn iz-zewg konkluzzjonijiet tal-ewwel Qorti.

**18.** Dwar l-ewwel konkluzzjoni l-appellanti ma jifmhux kif jista' jinghad li hemm incertezza tad-dritt u l-atti ma jistghux jitqiesu bhala immorali meta nisa jmorru jizfnu kwazi gharwenin quddiem parruccani tal-istabbiliment u jaghmlu *strip tease* meta jintalab bi hlas u l-appellati ma tghaddilhomx minn rashom illi hemm prostituzzjoni ta' nisa jew atti immorali. Bl-istess mod l-appellanti ma jifhmux kif intraprendituri li jorganizzaw u jaghtu dan it-tip ta' servizz, jibqghu taht l-impressjoni illi qeghdin jaghmlu negozju prettament legittimu.

**19.** L-appellanti jissottomettu li m'huwiex mehtieg illi kull cirkostanza illi tikser xi disposizzjoni ta' xi artikolu tad-dritt penali jkun definit fil-ligi izda huwa bizzejjed li l-ligi taghti indikazzjoni cara ta' dak li jista' bejn wiehed u iehor jigi kkunsidrat bhala vjolattiv tal-ligi. Altrimenti ebda gudikant ma jkun jista' jiddetermina jekk agir ikunx wiehed li jservi 'skop immorali' jekk ma jkunx specifikat espressament u mfisser mil-legislatur x'jikkostitwixxi 'skop immorali' kwazi f'kull cirkostanza. Skont l-appellanti l-fatt wahdu li l-identifikazzjoni ta' x'inhu att immorali jinvolvi element suggettiv ta' gudizzju tal-gudikant ma jfissirx b'daqshekk li hemm incertezza tad-dritt.

**20.** Min-naha l-ohra l-appellati jissottomettu li fil-Kap. 63 dak li hu definit fil-ligi huwa r-reat tal-prostituzzjoni u mhux il-moralita` o meno tal-atti li bihom wiehed ikun qieghed jigi akkuzat. Ghalhekk wiehed qatt ma jista' jasal ghal decizjoni univoka fir-rigward ta' liema huma l-iskopijiet ohra immorali illi l-Kap. 63 jirreferi ghalihom. Ir-rwol tal-gudikant m'huwiex li jinterpreta l-ligi skont is-sitwazzjoni prevalenti dak iz-zmien u li minn tali sitwazzjoni jiddeciedi huwa stess x'inhuma l-elementi tar-reat. Il-kuncett ta' *nullum crimen sine lege* jipprojbixxi l-uzu ta' termini li huma tant generali illi jikkrejaw ambigwita` fir-rigward tal-kazijiet partikolari fejn huma applikabbili. Proprju l-kaz in ezami jirrigwarda frazi wiesgha ghall-ahhar dwar x'inhu

'immorali'. Huwa l-legislatur li jiddetermina liema immoralita` tammonta ghal reat penali.

**21.** Kif gja` nghad mhux kompitu ta' din il-Qorti li tiddeciedi jekk l-atti inkriminati humiex immorali jew le imma jekk il-Kap. 63 li jipprovvdi li persuna li zzomm hanut jew lokal li huwa ffrekwentat ghal skop ta' prostituzzjoni *jew ghal skopijiet ohra immorali* huwiex nieqes mic-certezza li trid il-ligi b'tali mod li ma jivvoljax l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni kif fuq spjegat.

**22.** Dwar it-*test* li jrid isir biex Qorti tiddeciedi jekk hemmx ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Cantoni v. France**, qalet li *"the Court must ascertain whether in the present case the text of the statutory rule read in the light of the accompanying interpretative case-law satisfied this test at the relevant time".*

**23.** Illi l-ewwel Qorti semmiet li l-ligi partikolari fil-Kapitolu 63 ma fiha l-ebda disposizzjoni li taghti tifsira ghall-kliem jew frazijiet li jinsabu fiha u x'inhu l-kuncett ta' 'moralita`' u 'immoralita`' li lanqas ma hu definit fl-ebda ligi ohra.

**24.** Fil-kaz **Il-Pulizija v. Carmel Fenech** deciz fit-28 ta' Novembru 1985 fejn imputat kien gie akkuzat, fost akkuzi ohra anke b'akkuza li ghamel xi haga *"contrary to law or morality"* fl-istabbiliment tieghu, il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha dan x'tghid dwar akkuza simili:

"Li trid tezamina l-Qorti hu jekk, mill-erba' ritratti esibiti saritx il-prova ta' *show* li toffendi l-pudur jew il-morali rigwardati oggettivament, cioe' bla ma jitqiesu l-gosti, l-inklinazzjonijiet u l-preferenzi u t-'taboos' personali tad-decident. U jridu jintuzaw il-kriterji ta' socjeta' li kulma jmur issir pluralistika u tolleranti <u>basta li ma jinqabsux limiti, li, oggettivament, ghandhom ikunu oggezzjonabbili ghal kulhadd.</u> Id-dritt Penali qieghed biex ihares dak li l-guristi Taljani jsejjhula "minimo di moralita'."

**25.** F'din is-sentenza saret referenza ghal dak li kiteb Antolisei, Manuale di Diritto Penali (Parte Generale): *"Il diritto penale protegge il-minimo di quell minimo, cioe` il*

*minimo etico assoluto. I reati sarebbero quei fatti immorali che presentano una maggiore gravita` e, quindi, I divieti penali rappresenterebbero il minimo del minimo etico".*

**26.** Il-fatt biss li ma hemmx tifsira jew definizzjoni fil-ligi ta' x'inhi moralita` jew immoralita` ma jfissirx li l-moralita` jew l-immoralita` ma tezistix jew li wiehed ma jistax ikollu dawk il-kriterji oggettivi li fuqhom ikun jista' jiddetermina x'inhu immorali jew le f'cirkostanzi u f'socjeta` partikolari[12]. Atti li jmorru kontra l-*minimo di moralita`* huwa atti oggezzjonabbili ghal kulhadd, u ma jehtigux definizzjoni tal-ligi u ghalhekk jistghu jaqghu taht dak li tipprovdi l-ligi kif provdut fil-Kap. 63 fejn issemmi *skopijiet ohra immorali* li l-legislatur ried li jigu kkunsidrati bhala illeciti. Il-ligi m'hijiex qed tghid biex gudikant jikkostitwixxi xi reat gdid izda biex jiddetermina jekk dawk l-atti f'dawk ic-cirkostanzi, jingwadrawx fit-terminu tal-ligi bhala immorali.

**27.** Kif inghad mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Cantoni v. France:**

*"31. As the Court has already had occasion to note, it is a logical consequence of the principle that laws must be of general application that the wording of statutes is not always precise. One of the standard techniques of regulation by rules is to use general categorisations as opposed to exhaustive lists. The need to avoid excessive rigidity and to keep pace with changing circumstances means that many laws are inevitably couched in terms which, to a greater or lesser extent, are vague. The interpretation and application of such enactments depend on practice (see, among other authorities, the Kokkinakis v. Greece judgment of 25 May 1993, Series A no. 260-A, p. 19, para. 40)."*

**28.** F'dan is-sens ghalhekk mhux mistenni mil-legislatur li jiddefinixxi l-att immorali kollha li huwa jikkunsidra bhala reat. Lanqas li jispecifika u jiddeskrivi dettaljatament f'kull

---

[12] Din il-Qorti trid tiggudika fuq il-ligi ta' Malta u mhux ta' l-Ingliterra, Pennsylvania jew Amsterdam.

kaz, kull komportament sesswali li hu jikkunsidra bhala 'immorali' a fini tal-Kap. 63.

**29.** Anke l-istess Konvenzjoni Ewropeja tinkludi *'protection of morals'* bhala wahda mir-ragunijiet li abbazi taghhom tista' ssir limitazzjoni tad-drittijiet imsemmija fil-Konvenzjoni, u dan avolja l-Konvenzjoni ma tghidx x'inhu l-kuncett ta' *'morals'*. Jigi notat li l-limitazzjoni m'hijiex ristretta biss ghal Artikolu 10 imma tapplika anke fil-kaz tal-Artikoli 6,8,9,11 u Protokoll 4. Il-Konvenzjoni b'daqshekk m'hijiex incerta u lanqas ma tippromovi incertezza tad-dritt.

**30.** L-ewwel Qorti deherilha li f'dan il-kaz ma kienx car fejn tinqata' l-linja ta' mgiba li l-Kap. 63 irid irazzan u jikkastiga u fejn tibda l-imgiba li mhix milquta minnha.

**31.** Fis-sentenza fuq imsemmija, **Cantoni v. France**, il-Qorti f'dan ir-rigward qalet li:

*"When the legislative technique of categorisation is used, there will often be grey areas at the fringes of the definition. This penumbra of doubt in relation to borderline facts does not in itself make a provision incompatible with Article 7, provided that it proves to be sufficiently clear in the large majority of cases. The role of adjudication vested in the courts is precisely to dissipate such interpretational doubts as remain, taking into account the changes in everyday practice".*

**32.** Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk il-kliem "skopjiet immorali ohra" f'din l-Ordinanza marbuta kif inhuma mar-reat imsemmi fl-istess Kap. 63, cioe` dwar prostituzzjoni m'ghandux jimpedixxi l-gudikant milli jasal biex, oggettivament, jiddetermina jekk l-atti inkriminati jinkwadrawx bhala immorali jew le u ai fini tal-akkuzi li jridu jwiegbu ghalihom l-appellati.

**33.** Finalment huwa veru dak li ssottomettew l-appellati li llum il-ligi per ezempju ma tharisx lejn l-adulterju u lejn l-atti omosesswali bhala reati pero` l-att sesswali li kien jikkostitwixxi r-reat ta' adulterju jew l-att omosesswali xorta

huwa reat jekk isir f'lok pubbliku jew espost ghal pubbliku u f'dan ir-rigward il-ligi ma nbidlitx.

**34.** Fit-tieni twegiba tal-ewwel Qorti ghar-referenza li saritilha, hi tghid li minhabba l-incertezza fil-ligi partikolari l-istharrig li ser isir dwar l-akkuzi li jridu jwiegbu ghalihom l-appellati ser ikun jiddependi kwazi ghal kollox fuq l-arbitriju suggettiv tal-gudikant.

**35.** L-appellati jissottomettu li gudikant m'huwiex imsejjah biex jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar dak li ghandu jikkostitwixxi reat jew le. L-Artikolu 7 jirrikjedi li individwu jwiegeb ghal akkuza meta r-reat huwa cert u l-elementi tieghu huma stabbiliti fil-ligi. Dawn huma l-kundizzjonijiet ta' *foreseeablility* u nuqqas ta' arbitrarjeta`. Inoltre l-ligi penali m'ghandhiex tigi applikata b'mod estensiv ghad-detriment tal-akkuzat b'analogija. F'dan il-kaz l-appellati jsostnu li l-Qorti qed tigi mistiedna mill-appellanti biex hi ssib konnessjoni bejn ir-reat ta' prostituzzjoni, li hu definit bil-ligi, u r-'reat' *ghal skopijiet ohra immorali* li mhuwiex hekk definit.

**36.** Din il-Qorti tirrileva li l-fatt biss li gudikant jiddentifika x'inhu att immorali, ghalkemm jista' jinvolvi element suggettiv, ma jfissirx b'daqshekk li hemm incertezza tad-dritt. Dan gie rikonoxxut anke mill-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz ta' **O'Connor**[13] fejn qalet li:

*"Further, a law that confers a discretion, such as the discretion conferred on a jury in determining whether matter is obscene, blasphemous or defamatory, is not in itself inconsistent with the requirements of the Convention, provided that the scope of the discretion and the manner of its exercise are indicated with sufficient clarity, having regard to the legitimate aim in question, to give the individual adequate protection against arbitrary interference (see, for instance, Tolstoy Miloslavsky v. the United Kingdom judgment of 13 July 1995, Series A no. 316-B, pp. 71-72, § 37; § 31, Wingrove v. the United*

[13] **Thomas Victor O'CARROLL v. United Kingdom**. Application no. 35557/0

*Kingdom, judgment of 25 November 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-V, § 40).*

*"In the jury system as it applies to indecency cases in the United Kingdom, it is for the jury, as the arbiters of fact, to decide in the first place whether matter is indecent. Such a starting point is perfectly compatible with the principles set out above, and indeed the way in which the judge framed the explanation of what is indecent ("if in your judgment it offends against recognised standards of propriety") had the aim of ensuring that the "prevailing views of society" were taken into account."*

**37.** Dwar is-sottomissjoni li l-ligi m'ghandhiex tigi interpretata b'mod estensiv jew b'analogija fil-fehma tal-Qorti kemm mill-mod kif huwa redatt il-Kap. 63 kif ukoll il-kuntest li fih jintuzaw il-kliem *ghal skopijiet ohra immorali* fl-istess kap, kif ukoll il-gurisprudenza u l-interpretazzjoni tal-Qrati taghna fir-rigward, hemm indikazzjoni dwar x'jista' jammonta "ghal skop ta' prostituzzjoni *jew ghal skopijiet ohra immorali"* meta applikati ghal fattispecie tal-kaz in ezami.

**38.** L-appellati jsostni li hawn m'ghandhiex semplici kjarifikazzjoni ta' ligi, izda kwistjoni fejn gudikant prattikament jikkreja r-reat hu ghax it-terminu 'immorali' huwa vag wisq. Fil-kaz **S.W. v. U.K.** il-Qorti ta' Strasbourg kienet iddecidiet li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 7 ta' Konvenzjoni u ma kien kkrejat ebda reat gdid meta l-Qorti tal-Appell Ingliza u l-House of Lords iddecidew li jista' jkun hemm stupru tal-mara anke minn zewgha. Il-Qorti Ewropeja qalet li *"This evolution had reached a stage where judicial recognition of the absence of immunity had become a reasonably foreseeable development of the law".*

**39.** Fil-kaz in ezami l-akkuzi li ghandhom l-appellati huma li fl-istabbilment **Maximus** tfajliet barranin, bi hwejjeg ta' taht biss (*bras* u *panties*) gew impjegati sabiex jaghmlu *pole dancing, lap dancing* u *strip tease,* anke shih, ghal kljenti bi hlas. Huma gew akkuzati wkoll li offrew ukoll servizz ta' zfin *topless* bi hlas. It-tfajliet kienu jghaddu l-

qliegh minn dan is-servizz sesswali lil min kien impjegahom u huma jiehdu *commission.* L-appellati kienu l-intrapendituri li qed jorganizzaw dan it-tip ta’ servizz.

**40.** Id-domanda hija, jista’ gudikant, indipendentement mill-opinjonijiet personali u soggettivi tieghu, jiggudika jekk dawn l-atti li dwarhom l-appellati huma akkuzati, rigwardati oggettivament, jekk jirrizultaw pruvati, jitqiesu bhala atti li jikkostitwixxu r-reat ta’ atti maghmula ghal skop ta’ prostituzzjoni *jew ghal skopijiet ohra immorali.* Jistghu l-appellati ragjonevolment jahsbu li ma kinux ser jittiehdu passi kontra taghhom taht dan il-kap meta huma joffru dan is-servizz ta’ zfin ta’ natura sesswali u/jew erotika b’nisa barranin kwazi gharwenin ghal kollox ghal udjenza komposta kwazi minn irgiel biss, anke f’kabini privati, u dan bi hlas ghal dawn is-servizzi sesswali.

**41.** Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-frazi ‘atti immorali’ f’dan il-kaz tissodisfa r-rekwizit ta’ *foreseeability* fil-kuntest tal-ligi kif inhi u fis-socjeta` maltija u <u>gudikant ghandu l-paramentri</u> biex ikun jista’ jasal ghal konkluzzjoni jekk *lap dancing*, *pole dancing* u *strip tease*, (u mhux semplici zfin b’bikini imma *‘mimicking sexual acts on stage* b’nisa kwazi gharwenin) jammontawx ghal atti immorali *ai termini* tal-ligi taht il-Kap. 63.

**<u>Decide</u>**

**42.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghdha taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok twiegeb ghall-kwistjoni riferita mill-Qorti tal-Appell Kriminali billi tiddikjara li safejn huma (l-imputati) kienu gew mixlija b’offizi li jitkellmu dwar “skopijiet ohra immorali”, m’hemmx nuqqas ta’ certezza tal-ligi li taghmilha impossibbli li gudikant jiddeciedi jekk kemm-il darba l-ghemejjel li huma kienu mixlijin bihom kinux tassew immorali jew le ghall-finijiet tal-ligi.

**43.** Ghalhekk tordna lir-Registratur sabiex jghaddi lura l-atti lill-Qorti Riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista’ tiddisponi mill-kaz skont din is-sentenza.

**Geoffrey Valenzia** **Giannino Caruana Demajo**
**Tonio Mallia**
**(Agent President)** **Imhallef**
**Imhallef**

Deputat Registratur
Lb

## <u>Appendici A</u>

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), Rikors Numru 10/09, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Suprintendent Sharon Tanti) v. Frank Cachia et** deciza fis-16 ta' Frar 2011 qeghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza u qed tigi mmarkata bhala Appendici A.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------